# Awguri SR GIUSEPPINA!



Nhar is-26 ta' Awwissu li għadda fil-kappella tas-Seminarju tagħna ġiet iċċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr fil-50 anniversarju mill-professjoni reliġjuża ta' Sr Giuseppina Farrugia, Madre tal-komunità tas-Sorijiet Franġiskani tas-Seminarju. Il-quddiesa tmexxiet mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof ta' Għawdex, bis-sehem tal-formators, saċerdoti li fil-passat ħadmu fis-Seminarju, is-seminaristi, il-familjari ta' Sr Giuseppina u l-ħaddiema u l-voluntiera tas-Seminarju.

Mill-qalb nirringrazzjaw lil Sr Giuseppina tal-ħidma tagħha fis-Seminarju tagħna li ilha twettaq b'tant dedikazzjoni għal dawn l-aħħar 35 sena, u nawgurawlha.



# IS-SINODALITÀ U L-EWKARISTIJA

F'Ottubru li għadda, infetaħ is-Sinodu tal-Isqfijiet. Dan is-Sinodu hu wieħed għal kollox partikulari għax hu sinodu fuq is-sinodalità tal-Knisja u, fid-diversi fażijiet tiegħu, irid jinvolvi mhux biss grupp ta' Isqfijiet u esperti, imma lill-membri kollha tal-Knisja fid-dixxerniment tar-rieda ta' Alla għall-Poplu tiegħu. X'nifhmu b'sinodalità?

Qabelxejn, is-sinodalità tfisser dik li hi l-Knisja fin-natura u l-missjoni tagħha, jiġifieri komunità li timxi flimkien, msieħba f'ġemgħa waħda biex ixxandar il-Vanġelu. Is-sinodalità tfisser ukoll dawk l-istrutturi fi ħdan il-Knisja li permezz tagħhom il-Knisja taħdem b'mod sinodali. Imbagħad, sinodalità tfisser dawk il-ġrajjiet meta l-komunità ekkleżjali tiġi msejħa mill-awtorita kompetenti u skont id-dixxiplina ekkleżjastika taħt it-tmexxija tal-Isqof, f'għaqda mal-Kulleġġ Episkopali u mal-Papa, biex isir dixxerniment u jittieħdu deċiżjonijiet fuq kwistjonijiet partikulari, dejjem fid-dawl tal-missjoni ta' evanġelizzazzjoni tal-Knisja.

Il-Knisja tesprimi s-sinodalità tagħha b'mod speċjali permezz tal-Ewkaristija. Il-mixja sinodali tal-Knisja hi ffurmata u msaħħa mill-Ewkaristija. Bosta dokumenti tal-Knisja jgħallmuna li l-Ewkaristija hi ċ-ċentru tal-ħajja Nisranija kollha kemm hi, kemm fuq livell ta' Knisja Universali kif ukoll fuq livell individwali. Is-sinodalità ssib l-għajn u l-quċċata tagħha fiċ-ċelebrazzjoni liturġika, u b'mod speċjali fil-ġemgħa miġbura flimkien biex tisma' l-Kelma u titmantna bl-Ewkaristija waqt il-quddiesa. Kif jikteb San Pawl fl-ewwel ittra lill-Korintin (10:16-17), għad li aħna ħafna, is-sehem fl-Ewkaristija jagħmilna ġisem wieħed. L-Ewkaristija tirrappreżenta u tirrealizza b'mod li jidher li aħna ħaġa waħda mal-Ġisem ta' Kristu u allura ħaġa waħda bejnietna.




*Dan it-tagħrif hu meħud mid-dokument "Is-sinodalita fil-ħajja u fil-missjoni tal-Knisja" maħruġ fit-2 ta' Marzu 2018 mill-Kummissjoni Teoloġika Internazzjonali.*

**Dun Giovanni Curmi**
*Pastoral Mentor*

sem&u

**Diċembru 2021**
**Ħarġa nru 19**

***Is-Seminarju u Int***
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex 2155 6479
majorseminary@gozodiocese.org
www.sacredheartseminary.org.mt

# MA ĦLISTX MINNU, ĦA JKOLLI NIBQA' MQANNA' BIH!

*Mhux l-ewwel darba fl-istorja kemm ilu mwaqqaf is-Seminarju, imma lanqas hi xi ħaġa normali!*

Minn meta kienu żgħar kienu abbatini fil-Bażilika tax-Xagħra. Tnejn huma s-snin li jifirduhom minn xulxin u kif jirrakkontaw huma stess, meta kienu fil-grupp tal-abbatini, minħabba li kellhom ħbieb differenti, ftit li xejn kien ikollhom ċans jillatikaw ħlief fuq xi servizz waqt xi quddiesa.

Matthew, li jiġi l-kbir minnhom it-tnejn, għalkemm meta kien żgħir kien iħoss ix-xewqa li jsir saċerdot, din ix-xewqa intfietlu mas-snin. Madankollu xorta baqa' jagħmel parti mill-grupp tal-abbatini. Sa wasal biex għal xi żmien kien id-direttur taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, liema rwol kien jitlob impenn mhux żgħir.

Matthew, minħabba li mill-ġdid reġgħet tfaċċatlu x-xewqa li jsir saċerdot, iddeċieda li jidħol is-Seminarju u għalhekk kellu jħalli dan l-irwol li kien tant għal qalbu. Anthony Joe kien laħaq prefett, jiġifieri dak li jieħu ħsieb is-servizzi tal-abbatini waqt il-quddies, liema inkarigu kif isostni hu stess, ma kienx ifisser li kien se jwasslu biex jidħol is-Seminarju. Iżda kien sejjer żball għax proprju xi snin wara hu wkoll talab sabiex jiġi aċċettat fis-Seminarju biex ikun jista' jibda s-sena Propedewtika.

Matthew meta sar jaf li Anthony Joe kellu x-xewqa li jidħol is-seminarju wkoll – għalkemm kien kuntent għalih – tenna hekk bejnu u bejn ruħu: "Ma ħlistx minnu, ħa jkolli nibqa' mqanna' bih".

Matthew u Anthony Joe Borg huma żewġt aħwa li preżentament jinsabu f'mixja ta' dixxerniment fis-Seminarju tagħna. Matthew jinsab fil-ħames sena filwaqt li Anthony Joe jinsab fit-tielet. Fil-ħajja tas-Seminarju, għalkemm jibqgħu aħwa, huma wkoll seminaristi u kif jistqarru t-tnejn li huma, jagħmlu minn kollox biex iqisu lil kull seminarista bħala ħuhom. B'hekk ikunu verament qed jgħixu l-fraternità u l-imħabba ta' bejn l-aħwa, liema mħabba Ġesù jixtieq li kull bniedem jeżerċita, b'mod partikulari lil dawk li jagħżlu li jimxu qrib tiegħu.

Bħal dawn iż-żewġt aħwa kien hemm oħrajn u nittamaw li jerġa' jkun hemm. L-esperjenza tagħhom turina li Alla jinqeda b' diversi modi kif juri t-triqat u l-mogħdijiet tiegħu. Forsi Alla qed jinqeda permezz ta' dan l-eżempju ta' dawn l-aħwa sabiex lilek li qed taqra dan il-fuljett tagħraf l-id – xi kultant moħbija – tiegħu.



**IL-KOMUNITÀ TAS-SEMINARJU** tawgura
*l-Milied u s-Sena t-Tajba*
lill-Qarrejja, lill-Ħbieb u lill-Benefatturi kollha.

# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

Wara l-vaganzi tas-Sajf, nhar it-Tlieta 21 ta' Settembru il-komunità tas-Seminarju reġgħet bdiet sena oħra ta' formazzjoni permezz ta' quddiesa u qsim tal-esperjenzi tas-Sajf.

Mill-Erbgħa 22 sal-Ħadd 26 ta' Settembru, il-komunità tas-Seminarju għamlet l-irtir tal-bidu tas-sena ġewwa id-Dar tat-Talb "Lunzjata". L-irtir tmexxa minn Patri Martin Micallef OFM CAP.



Nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru ngħata bidu uffiċċjali għas-sena akkademika permezz ta' laqgħa lill-istaff akkademiku u quddiesa mmexxija minn Mons. Isqof Anton Teuma.



Nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru, John Xerri mill-parroċċa ta' Ġesù Salvatur fl-Għasri, beda l-esperjenza tas-Sena Propedewtika ġewwa s-Seminarju.

Fl-okkażjoni tal-Ġimgħa Missjunarja li bdiet nhar it-Tnejn 18 ta' Ottubru, is-seminaristi għamlu vidjow qasir b'messaġġ għall-istudenti tal-iskejjel sekondarji bit-tema *u agħmel hekk int ukoll*.



Nhar it-Tlieta 19 ta' Ottubru, is-seminaristi kellhom *video call* ma' Dun Mario Curmi, missjunarju ġewwa l-Gwatemala, li matulha qasam l-esperjenza tiegħu fil-missjoni. Matul din il-ġimgħa s-seminaristi organizzaw ġbir ta' flus fl-iskejjel sekondarji b'risq il-missjoni ta' Dun Mario Curmi.



Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru, l-abbatini minn *form 3* 'l fuq tal-parroċċi tan-Nadur, tal-Qala u ta' Għajnsielem ġew mistieda għal mument ta' adorazzjoni u għall-ikel flimkien mas-Seminaristi.



Nhar l-Erbgħa 4 ta' Novembru, festa ta' San Karlu Borromeo, s-Seminarju fakkar il-155 anniversarju mill-ftuħ tiegħu.



Nhar is-Sibt 6 ta' Novembru, is-seminaristi flimkien mal-*formators* għamlu l-mixja magħrufa bħala *Lungo Passegio*, li ssir ta' kull sena. Din id-darba l-mixja saret mill-Imġarr sa l-Għar ta' Mixta fin-Nadur.

Nhar l-Erbgħa 10 ta' Novembru saret laqgħa ta' formazzjoni dwar ir-realtà tal-politika partiġġjana f'pajjiżna minn Dr George Vital Zammit.

F'rabta max-xahar ta' Novembru, ix-*Xahar tal-Qaddisin*, il-komunità tas-Seminarju kellha serje ta' żewġ laqgħat bit-tema ta' *San Duminku u s-saċerdozju*. Il-laqgħat saru nhar il-Ġimgħa 12 u 19 ta' Novembru u tmexxew minn Fr Christopher Caruana OP.



Nhar it-Tlieta 16 ta' Novembru, l-abbatini minn *form 3* 'l fuq tal-parroċċi tal-Fontana, tal-Munxar u ta' Kerċem ġew mistieda għal mument ta' adorazzjoni u għall-ikel flimkien mas-Seminaristi.

Nhar is-Sibt 20 ta' Novembru ġiet organizzat taħdita ta' formazzjoni mis-sur Peppi Azzopardi.



Nhar l-Erbgħa 24 ta' Novembru, is-Seminarista Matthew Bajada mexxa każ morali dwar l-użu etiku tal-vaċċin użat għat-tlaqqim kontra s-*SARS-CoV-2*. Għal dan il-każ kien mistieden il-kleru Għawdxi.



Nhar is-Sibt 27 ta' Novembru ngħata bidu għal sena liturġika ġdida permezz tat-Tħabbira tal-Avvent li saret mir-Rettur.

Bejn il-Ħamis 2 u s-Sibt 4 ta' Diċembru ġie organizzat *live-in* għall-istudenti tas-*6th Form*. Dawn l-istudenti kellhom l-opportunità li jgħixu l-programm tas-seminaristi fil-ħajja tas-Seminarju.

Nhar it-Tlieta 7 ta' Diċembru ġiet organizzata attività tal-Milied għall-gruppi tal-abbatini minn *form 4* 'l fuq.

Nhar is-Sibt 11 ta' Diċembru saret l-attività tal-Milied għall-gruppi tal-abbatini minn *form 3* 'l isfel. Din l-attività kienet tinvolvi riflessjoni u mumenti ta' logħob.

Nhar il-Ħadd 12 ta' Diċembru, s-seminarista Matthew Bajada ġie mogħti l-ministeru tal-akkolitat mill-E.T. Mons. Isqof Anton Teuma waqt quddiesa li saret ġewwa l-Bażilika tal-Għarb.



Nhar it-Tnejn 20 ta' Diċembru ġiet organizzata attività tal-Milied għall-grupp tal-Vokazzjonijiet 18+.

Fost l-attivitajiet annwali tal-Milied wieħed isemmi il-korrezzjoni fraterna komunitarja, it-tqassim tar-rigali, il-quddiesa fl-għar, u l-quddiesa u festin tal-Milied flimkien mal-familjari tas-seminaristi.